Ott 2018

ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



# Wiċċ ġdid lil Triq il-Qortin

## Aktar Proġetti Infrastrutturali

### Triq il-Qortin b'wiċċ ġdid

**Wara numru ta' snin, il-Kunsill Lokali ħadem bla heda sabiex iddedika fondi u anke akkwista fondi sostanzjanli mill-Ministeru għal Għawdex u minn skema mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, li bihom issa Triq il-Qortin tinsab fi stat li jixirqilha. Rigal ieħor lir-residenti u lin-Nadur tagħna. Aktar toroq ser ikunu qed jingħataw wiċċ ġdid fix-xhur li ġejjin.**

*Qortin Street following resurfacing – funds by LC, MGOZ and Parl. Sec for LG.*

# Installati numru ta' bins ġodda

*fl-inħawi tad-Duru, Tramuntana, D.C Palmeri u Dun Ġorġ Preca*

Dan wara suġġerimenti ta' Nadur Nadif u wara li nstallajna numru ta' *Dog Bins*, minkejja li mhux dejjem jintużaw kif suppost.

*Installation of new bins in several areas.*





# Titranġa l-fence tal-grawnd P.P Camilleri

Wara maltemp qawwi dan il-*fence* ċeda, u l-Kunsill Lokali kien pront ipprovda sigħat ta' xogħol u anke finanzi sabiex jitranġa fi ftit ġranet u jitneħħa l-periklu. Aktar ħidma relatata ma' dan il-grawnd fix-xhur li ġejjin.

*Fixing of ground fence following severe damages.*













# Xogħol ta' tiswija kontinwa

Fl-aħħar xhur, grazzi għal ħaddiema tal-Kunsill Lokali, saret *maintenance* qawwija fuq numru ta' ġonna u postijiet ta' rikreazzjoni fin-Nadur.

*Continuous maintenance works at recreational spaces.*








# Aktar proġetti kkonfermati għan-Nadur tagħna





Matul l-aħħar sena u nofs, il-Kunsill Lokali tan-Nadur ħadem ħafna sabiex isiru applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar, grazzi għall-fond magħruf bħala *Development Planning Fund*. Dawn huma flus li jistgħu jintużaw għal proġetti li jsebbħu l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti. Bi pjaċir inħabbru li fix-xhur li ġejjin ser ikun qed isir *turf* ġdid għall-Grawnd P.P Camilleri b'investiment ta' €70,000, ser jinbidlu s-*safety mats* tal-*Playing Fields* kollha tan-Nadur (Tal-Ħali, Ġnien il-Kunsill u San Blas), b'investiment ta' €40,000, u anke ser jsir *Outdoor Gym Equipment* u *Safety Mats* fil-Belvedere Cocco Palmeri b'investiment ta' €25,000. Dan il-Kunsill ser jara li jħalli l-ispazji pubbliċi fi stat ferm isbaħ u aqwa milli sabhom, kif jixraq lin-Nadur tagħna.

*More projects confirmed relating to new turf at Nadur Ground, as well as replacement of all playing fields' safety mats and installation of outdoor gym equipment at Belvedere Cocco Palmeri.*

# NADUR NADIF Clean Up





Il-Grupp Nadur Nadif kompla bil-ħidma volontarja tiegħu fejn kellu numru ta' laqgħat u ressaq diversi suġġerimenti lill-Kunsill Lokali. Huwa organizza wkoll żewġ clean-ups fl-inħawi ta' Daħlet Qorrot u San Blas fix-xhur li għaddew. Grazzi tal-ħidma tagħkom u aħna kburin bikom.

*Nadur Nadif Group has met several times and came up with good suggestions, as well as holding two clean-ups.*

# Attività kontinwa ta' kull tip, għal kull età



Craze Fitness Session



Attività b'Risq
ALS Malta Foundation fil-preżenza ta' Bjorn Formosa



Attività fiżika għall-anzjani



Diversi ħarġiet għall-anzjani tagħna





# European Charter for Rural Communities

*Annual Meeting Nadur 2018*

Bejn id-19 u 23 ta' Lulju 2018, ir-raħal tan-Nadur ospita fi ħdanu madwar 200 delegat minn kull pajjiż fl-Unjoni Ewropea, peress li n-Nadur jirrappreżenta lil Malta f'dan ic-*Charter*. Il-Kunsill ħaseb għal programm mimli fejn inkludejna *workshops* dwar it-tema tas-Solidarjetà, laqgħat għall-adulti, żgħażagħ u sindki, żorna postijiet storiċi u kulturali, attivitajiet sportivi u gastronomiċi, kif ukoll dewwaqnihom dak kollu li jafu joffru l-gżejjer u r-raħal tagħna. Aħna kburin li lkoll faħħru lir-raħal tagħna u lil pajjiżna, u li l-isforz kollettiv li sar mill-grupp organizzattiv u dawk li ospitaw ħalla l-frott mixtieq.

*200 delegates hosted at Nadur last July, as part of European Charter.*





















# Wine Festival 16th Edition

*Awissu u Settembru 2018*








# Mnarja

*Ġunju*

*2018*







# Kollaborazzjoni sħiħa
# mill-Kunsill Lokali



End of Summer Fest - Settembru 2018



Żjara minn Studenti mit-Turkija - Mejju 2018





Torri ta' Kenuna jinxtegħel vjola biex tinħoloq kuxjenza għall-kundizzjoni ME/CFS & Fibromyalgia



Xandriku Fest - Lulju 2018

# Kollaborazzjoni sħiħa
# fil-festi tal-Għid fin-Nadur



Ċena tas-Sinjur  - Museum Subien Nadur



Tqassim ta' Figolli lit-Tfal



Ċenaklu Ħaj 2018





Youth Charter Meeting
Lithuania (Zagare)




Adult Charter Meeting
Stary Poddvorov (Czech Republic)

## Messaġġ mill-ex-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ
# Luke Galea



**L-Esperjenza tiegħi bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Nadurin**

Bla dubju, waħda mill-iktar esperjenzi li laqtuni u li żgur qatt ma jien se ninsa. Esperjenza li bidlitni u bnietni f'persuna aktar dedikata u bieżla. Kabbart il-ħiliet tiegħi, fosthom dawk tal-komunikazzjoni, ippjanar u tmexxija ta' grupp u attività. Dejjem sibt l-għajnuna mill-Kunsill Lokali, speċjalment meta flimkien ħloqna l-grupp "Nadur Nadif", li llum qed nikkordina. Illum nixhed kemm xogħol isir minn wara l-kwinti, u kemm proċeduri jeżistu għal kull proġett jew attività. Irrealizzajt kemm hu meħtieġ il-volontarjat biex jirnexxu bosta attivitajiet bħal Wirja Agrarja u c-*Charter*. Iltqajt ma' nies ġodda, u tgħallimt dwar kulturi differenti. L-aktar ħaġa li laqtitni hija kemm il-Kunsill Lokali, flimkien ma' persuni oħra, jaħdmu bla heda għar-raħal. Nista' ngħid li din l-esperjenza unika u pożittiva ħa tibqa' ttimbrata f'moħħi tul ħajti kollha, u se nibqa' nħares lura bi tbissima u sodisfazzjon. Inħossni onorat li l-Kunsill Lokali għażel lili bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fis-sena li għaddiet. Minn qiegħ qalbi nirringrazzjahom tal-opportunitajiet li tawni, għax swew ħafna, u, iva, għamlu differenza kbira f'ħajti.

# Aktar mill-Ġemellaġġi:

## Matthew Xuereb jipparteċipa fil-Maratona ta' Cicciano!





## Il-Kunsill jipparteċipa f'Gozo Alive b'Open Day tal-Mużew Marittimu u Torri ta' Kenuna

## Il-Kors Għaqal id-Dar jinżamm fin-Nadur



IL-KUNSILL LOKALI JIFRAĦ U JAWGURA LIN-

# NADUR YOUNGSTERS FC

REBBIEĦA TAL-PREMJU

## ĠIEĦ IN-NADUR 2018



# Nifirħu u Nawguraw

## (We congratulate)



Lil Viċi-Sindku Eucharist Camilleri li ġie elett membru tal-Bord tac-Charter



Lil Matthias Mercieca li f'Lulju ġie appuntant Ambaxxatur ġdid taż-Żgħażagħ fin-Nadur



Lil Raymond Vella li ġie appuntat bħala Awditur tal-Bord tal-FECC



**Grazzi lill-artist Graham Gurr li rregala pittura tal-Wirja Agrarja 2018 lill-Kunsill Lokali**
**(Thanks to Graham Gurr for donating Agricultural Fair 2018 painting to Local Council)**

**Il-Kunsill Lokali ppreżenta donazzjoni ta' €500 lil Puttinu Cares minn attivitajiet li saru fl-Imnarja 2018**
**(€500 donation to Puttinu Cares from Mnarja activities)**



# TVM Road Show

## World Cup 2018 fil-Pjazza tan-Nadur

Waħda mill-akbar attivitajiet f'pajjiżna marbuta mal-World Cup



# Programm Jum il-Kunsill

**Mill-Ġimgħa 2, sat-Tnejn 5 ta' Novembru, 2018**
Grupp ta' 58 persuna ser imorru fil-belt ta' Zafferana, Etnea fi Sqallija, fejn hemmhekk ser jiġi uffiċjalment iffirmat il-ġemellaġġ ta' bejn in-Nadur u Zafferana. Din ser tinkludi diversi attivitajiet u żjarat fl-inħawi ta' Catania, Messina u l-Etna.

**Is-Sibt 10 ta' Novembru, 2018**
Fis-7.30pm, lejliet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu, fit-Teatru MBC, jittella' Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Joseph Grech.

**Il-Ħadd 11 ta' Novembru, 2018**
Fid-9.00am, il-membri tal-Kunsill Lokali jattendu għall-quddiesa Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu.

**L-Erbgħa 14 ta' Novembru, 2018**
Ħarga speċjali għall-anzjani marbuta mal-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill.

**Is-Sibt 17 ta' Novembru, 2018**
Fl-10.00am, attività fil-Librerija tan-Nadur bl-isem ta' "Qari bil-Malti" li ser tinkludi mużika tradizzjonali u sorpriżi oħra għat-tfal tal-iskola Primarja.
Fis-6.30pm, fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-sotto Kumitati, impjegati u poplu Naduri. Iqaddes Mons. Arcipriet Jimmy Xerri. Din il-quddiesa tkun b' sufraġju tal-ex-Sindku Joe Tabone u l-ex-Kunsillier Frans Sammut.
Fit-8.00pm, fi Triq Diċembru 13, ser jiġi ppreżentat 'Ġieħ in-Nadur' lin-Nadur Youngsters F.C u Nadur Youngsters Nursery, liema klabb tant għamel isem lir-raħal tagħna u ġid mat-tfal u atleti tagħna, fl-okkażjoni tas-60 sena mit-twaqqif tal-klabb. Ser issir serata speċjali għal dan il-għan.

**Il-Ħadd 18 ta' Novembru, 2018**
Fit-3.00pm tinżamm l-'isports day' għat-tfal tal-iskejjel Primarji u Sekondarji fil-grawnd tal-Museum tas-Subien. Ikun hemm anke *snack* u *drink* għat-tfal kollha u midalji, kif ukoll trofej għar-rebbieħa ta' etajiet differenti.

**Is-Sibt 24 ta' Novembru, 2018**
Fit-8.00am ser tinżamm 'Clean Up' minn dawk kollha interessati li jaraw lin-Nadur aktar nadif, u allura jagħtu daqqa t'id sabiex titnaddaf żona partikolari li tiġi deċiża 'l quddiem mill-grupp Nadur Nadif.

**Is-Sibt, 8 ta' Diċembru, 2018**
Wara s-6.00pm ser tinżamm serata speċjali tal-ġemellaġġ bejn in-Nadur u Zafferana Etnea fil-preżenza tas-Sindku u delegazzjoni minn Zafferana fin-Nadur. Ikun hemm ukoll ftuħ tal-Wirja tal-Milied imtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepji – Sezzjoni Nadur.


NADUR 8K
THE CHRISTMAS RUN
IN AID OF PUTTINU CARES
In collaboration with
TRI GOZO
ATHLETIK
SUNDAY 16TH DECEMBER 2018
8K RUN - 5K WALK - KIDS RACES


NADUR LOCAL COUNCIL
DON'T BE SCARED. IT'S...
HALLOWEEN
...AT NADUR
31 OCT
MUSIC - GAMES - WITCH - CRAFTS
BONFIRES - PUMPKIN CARVING
7:00 PM
STRIAGHT AHEAD BAND - LIVE
FROM 10PM ONWARDS!
ALONG DECEMBER 13TH STREET AND
ST. PETER AND ST. PAUL SQUARE
DON'T FORGET YOUR COSTUME
Coca-Cola


NADUR LOCAL COUNCIL
SANTA CLAUS
IS COMING TO
&
NADUR
WEDNESDAY 19TH DECEMBER | 7.30 PM
IN COLLABORATION WITH
GHAQDA ARMAR TRIO IL-KAPPILLAN
CHRISTMAS CAROLS / MARCHES / DANCES / GAMES / OTHER SURPRISES
NADUR SQUARE
PHOTOS WITH SANTA IN A CHRISTMAS VILLAGE ATMOSPHERE
Coca-Cola